MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 296/2007

Il-Pulizija
(Spt. C. Pullicino)
Vs
Joseph sive Josef Grech

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Lulju, 2007, ghall-habta tal-11.00 p.m. u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), b'digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2004, li biha inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija li ma johrogx mid-dar fejn jirrisjedi w cioe' "Arkati", Triq il-Kannizzata, Balzan, hlief biex jattendi l-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Lulju, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal terminu ta'

prigunerija ta’ zmien xahar u multa ta’ hames mitt lira Maltin (LM500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 ta’ Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha kwantu sabitu hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih kwantu l-ksur tal-kondizzjoni mposta mid-digriet ghall-akkadut tat-18 ta’ Lulju, 2007, ma ssibux hati ta’ xi akkadut iehor ta’ ksur ta’ xi kondizzjoni mposta fuqu mid-digriet imsemmi, li allegatament gara’ f’xi data ohra barra minn dik tat-18 ta’ Lulju, 2007, (fi kliem l-imputazzjoni “u fix-xhur ta’ qabel din id-data”) u tvarja l-piena billi tnehhi l-piena karcerarja w thalli biss dik pekunarja moghtija mill-Ewwel Qorti w dan salv ghal xi piena ohra li din il-Qorti jidhrilha li ghandha timponi skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li fil-waqt li ma kienx qed jigi kontestat li l-appellant fil-jum tat-18 ta' Lulju, 2007, kien f' Bahar ic-Caghaq f' xil-11pm., peress li mill-korp tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti deherilha li mill-provi prodotti kien hemm okkazzjonijiet ohra meta l-appellant kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Istrutorja , dan probabbilment wassal ghall-piena inflitta oltre l-multa u dan meta l-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova sal-grad rikjest mill-ligi li kien hemm xi okkazzjonijiet ohra ghajr dik tat-18 ta' Lulju, 2007. Kwantu ghall-imputazzjoni li tirrigwarda t-18 ta' Lulju, 2007, il-ksur f' dan il-kaz ma kienx "ta' konsegwenza serja" ai termini tal-artikolu 579(1) kif del resto jidher mill-fatt li l-Prosekuzzjoni stess ma talbitx lill-Qorti li tirrevoka l-helsien mill-arrest. Id-decizjoni li kien ha l-appellant biex johrog minn daru wara l-hinijiet permessi kienet wahda ta' certa urgenza. Hu veru li zbalja imma kellu jittiehed in konsiderazzjoni il-hin li kien fejn wiehed ma jsibx facilment lil min imur ghall-ibnu li ried imur lura id-dar minnghand iz-zijiet tieghu. Dan-nuqqas b'

ebda mod ma effettwa l-andament tal-process quddiem il-Qorti Istruttorja w l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma giet bl-ebda mod pregudikata. Fid-dawl tad-diskrezzjoni li l-ligi thalli f' idejn il-Qorti ghalhekk, piena pekunjarja hija sufficjenti fil-kaz odjern.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jiskaturixxi minn emenda recenti fil-Kodici Kriminali introdotta bl-Att XVI tas-sena 2006, fejn fl-artikolu 579 (2) gie krejat ghall-ewwel darba r-reat ta' min jonqos milli jhares xi wahda mil-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mil-arrest taht garanzija, reat punibbli bil-piena tal-multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew bil-multa w prigunerija flimkien. Inoltre skond is-subartikolu (3) tal-istess artikolu, l-Prosekuzzjoni tista' ukoll fl-istess procediment titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna.

Din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid f' udjenza specjali dedikata ghal dan il-kaz biss pero' jidher li qabel ma tidhol fil-mertu trid tigi indirizzata kwistjoni ta' natura legali li rrilevat din il-Qorti mill-ezami akkurat tal-atti processwali.

L-appellant, li bhal issa ghaddej kumpilazzjoini akkuzat b' omicidju volontarju, kien fit-2 ta' Dicembru, 2004, ottjena l-liberta' provizorja taht diversi kondizzjonijiet fosthom dik li giet mizjuda fil-kondizzjoni 6A u cioe' "***li jibqa' taht house arrest fil-fond 36, Arcati, Triq il-Kannizzati, Balzan."*** (ara kopja awtentika tad-Digriet a fol-10).

Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant jghid li dan id-Digriet kien gie varjat u kien sar qbil fil-kors tal-kawza li l-appellant "*seta' johrog mid-dar tieghu wkoll sabiex imur f' wiehed jew l-iehor mill-ufficcji taz-zewg avukati di fiducja tieghu, basta jinforma lill-Ispettur u fil-weekend imur fid-*

*dar tar-residenza gol-Kappara tal-genituri tal-mara f' hin stabilit*" (ara fol.17 u 18) kif skond l-appellant hareg mix-xiehda quddiem l-Ewwel Qorti.

Quddiem din il-Qorti, minnkejja r-ruxxmata domandi li saru kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza lid-diversi xhieda prodotti miz-zewg nahat, hadd ma indenja ruhu jesebixxi dan id-digriet jew digrieti w verbali sussegwenti w, mid-domandi li saru lill-Ispettur Prosekutur fil-kontro-ezami w fl-ezami tal-appellant jidher li donnu ttiehed "*for granted*" li kien hemm xi digriet jew digrieti jew verbal jew verbali ohrajn, li emendaw id-digriet originali.

Fl-istqarrija tal-appellant a fol. 6 insibu s-segwenti domanda w risposta:

*M: Inti taf x' kienu l-kundizzjonijiet imposti fuqek mill-Qorti biex inti tiehu l-liberta' provizorja?"*

*T: Naf li ghandi depozitu ta' LM10,000 u LM20,000 garanzija personali. Nista' nohrog mid-dar biss nhar ta' Sibt u Hadd mill-10.am sas-1800 hrs u dan biex immur ghand omm il-mara l-Kappara."*

Din ir-risposta ma jidhirx li giet b' xi mod kontestata mill-Ispettur Interrogatur fit-tehid tal-istqarrija w tidher li giet accettata minnu. Meta l-istess Ispettur gie kontro-ezaminat dwar dan quddiem din il-Qorti, hu xehed li l-appellant kellu nhar ta' Sibt u Hadd mill-10am sas-6pm biex imur ghand il-familjari tieghu, u cioe' ghand omm il-mara tieghu w dan b' Digriet tal-Qorti. L-Ispettur xehed ukoll li l-appellant kellu ukoll dritt johrog minn daru biex imur ghand l-Avukat tieghu wara li jinforma lill-Prosekutur b' dan u cioe' fil-hin li jkun sejjer u fil-hin li sejjer lura. Hemm umbaghad id-depozizzjoni guramentata tal-appellant quddiem din il-Qorti li tirriferi ghall-hinijiet u cirkostanzi li fihom hu kellu l-permess li johrog minn daru li zgur li ma jinsabux fid-Digriet esebit. Dawn l-allegazzjonijiet ukoll ma gewx kontestati mill-abbli Avukatessa Prosekutrici.

Dan id-digriet (jew digrieti jew verbal jew verbali) li allegatament kien jew kienu ivarja jew ivarjaw d-digriet originali pero' ma giex jew ma gewx esebit jew esebiti fil-process u huwa ovvju li l-ksur da parti tal-appellant suppost li kien jirriferi ghall-kondizzjonijiet kif hekk varjati w mhux ghad-digriet originali biss.

B' dana kollu baqa' ma giex esebit jew ma gewx esebiti.

Issa hu minnu li din il-Qorti, kif preseduta, fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Michel Abou Haidar"** [9.8.2007], meta laqghet appell tal-Avukat Generali minn sentenza fejn kien gie ritenut li kien "*jidher car li d-digriet ghall-harsien mill-arrest li fuqu ibbazat l-akkuza l-prosekuzzjoni mhux l-ahhar wiehed izda jezisti xi digriet iehor korrettorju u li d-difiza ghalhekk kellha ragun tesigi konferma illi ma hemm l-ebda digriet iehor ghajr dak ipprezerntat mill-prosekuzzjoni"* u *"li dan jikkostitwixxi insufficjenza fil-provi."*, kienet irriteniet li ma kienet taqbel xejn ma tali konsiderazzjoni ghax bl-esebizzjoni tad-Digriet originali, tat-8 t' Awwissu, 2004 (fol. 2) , bl-esebizzjoni tar-rikors ghall-varjzzjoni tal-1 t' April, 2005 (fols 3 u 4) u bl-esebizzjoni tal-verbal tat-13 t' April, 2005 (fol.5) fejn hemm id-digriet tal-varjazzjoni tal-kondizzjonijiet f' dak il-kaz, il-Prosekuzzjoni altru milli ppruvat liema kienu d-Digrieti relattivi. Jekk ma kienx hemm Digrieti ohra, l-Prosekuzzjoni ma setghetx taghmel prova negattiva. U jekk id-difiza riedet tipprova li kien hemm xi digriet iehor li seta' jinfluwixxi fuq il-kwistjoni, dejjem setghet tressaq prova ta' dan imma minn dan ma ghamlet xejn. Ghalhekk din il-Qorti kienet irriteniet li l-Ewwel Qorti jidher li bbazat il-motivazzjoni taghha biss fuq kongettura mressqa mid-difiza w xejn aktar. (ara ukoll App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Lorainne Vella"** [20.9.2007]

Pero' dan il-kaz hu alkwantu differenti. Jidher pacifiku bejn il-prosekuzzjoni w d-difiza li d-digriet tal-liberta' provizorja esebit a fol. 10 mhux l-ahhar wiehed u li l-kondizzjoni assoluta w bla rizervi ta' *house arrest* kienet giet varjata billi saru xi koncessjonijiet lill-appellant li seta' jkun barra f' certi hinijiet u ghal certi ragunijiet. F' dan il-kaz kien doveruz fuq il-prosekuzzjoni li tesebixxi ukoll kopja legali

w awtentika tad-digriet jew digrieti jew verbali sussegwenti li varjaw il-kondizzjonijiet imposti fuq l-appellant.

Peress li ta' sikwiet qed jinholqu diffikoltajiet f' kazijiet bhal dawn, din il-Qorti gja kellha okkazzjoni li tirrakkomanda li, biex jigu evitati incidenti w diffikultajiet bhal dawn, kawzi bhal din jingiebu possibilment quddiem l-istess Magistrat li jkun qed jippresjedi fil-kompilazzjoni jew kawza in kwistjoni w, fejn dan ma jkunx possibbli, li jigu temporanjament alligati l-atti tal-istess kumpilazzjoni jew kawza, ghalkemm dan xi drabi jista johloq xi diffikultajiet logistici ukoll. B' dan il-mod ma jkunx hemm diffikulta' biex wiehed jistabilixxi liema kondizzjonijiet ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest ikunu inkisru.(ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Christopher Scerri"** [1.11.2007]

Jekk din ir-rakkomandazzjoni tibqa' ma titwettaqx, ghall-inqas kull ufficjal prosekutur li jkun qed jipprosegwixxi kawzi fejn l-akkuzat ikun inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest ghandu jiehu hsieb li dejjem jzomm fil-*file* tieghu kopji veri w awtentici aggornati tad-Digrieti w verbali kollha li jirregolaw il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, biex meta jigi bzonnhom (kulltant b' certa urgenza , kif tiddisponi l-istess ligi fl-art. 579(3)) f' kazijiet fejn ikunu ser jittiehdu passi kontra l-akkuzat skond l-artikolu 579 tal-Kap.9 , ikunu ghad-dispozizzjoni immedjata tieghu biex ikun jista' jifformula l-akkuza korrettement u jesebixxi l-istess digrieti quddiem il-Qorti bhala prova bazilari biex tista' tirrizulta l-htija tal-akkuzat.

F' din il-kawza din il-Qorti hija sodisfatta sal-grad tal-probabbli li kien hemm fil-fatt digriet jew digrieti jew verbal jew verbali sussegwenti li varjaw il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest - kif del resto jaqbel l-istess spettur prosekutur - u li l-Prosekuzzjoni ghal xi raguni jew ohra naqset milli tesebixxi. Dan huwa kaz ta' insufficjenza serja ta' prova dokumentarja li kellha tkun fil-process bhala l-bazi tal-azzjoni nnifisha.

Ikkonsidrat;

Issa l-akkuza kontra l-appellant tirriferi ghall-ksur tal-kondizzjonijiet biex hu nghata l-liberta' provizorja kemm fl-okkazzjoni tat-18 ta' Lulju, 2007 , meta hu inqabad barra minn daru *in flagrante* fil-*caravan site* ta' Bahar ic-Caghaq , kif ukoll ghall-okkazzjonijiet ohra li allegatament graw "*fix-xhur ta' qabel din id-data."*

Issa fil-waqt li kemm fir-rikors tal-appell tieghu kif ukoll waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-appellant ma jikkontestax bhala fatt il-ksur *per se* tat-18 ta' Lulju, 2007, u jikkoncedi li hu kien zbalja dak in-nhar meta hareg minn daru wara l-10 pm. biex, skondu, jmur igib lil ibnu lura d-dar minnghand zijtu, hu jikkontesta bil-qawwi li kiser il-kondizzjonijiet f' okkazzjonijiet li graw fix-xhur ta' qabel.

Ghalkemm gew prodotti diversi xhieda , qraba tal-allegata vittma tal-omicidju, li kollha xehdu fid-dettall dwar okkazzjonijiet fejn raw lill-appellant barra mid-dar tieghu f' diversi postijiet u f' hinijiet diversi, anki jekk din il-Qorti tistrieh fuq id-depozizzjoni taghhom, ma tista' bl-ebda mod tkun certa sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellant kien qed jikser il-kondizzjonijiet meta ma saritx il-prova ta' dawn il-kondizzjonijiet - li varjaw id-digriet originali w li bihom l-appellant kien inghata permess li johrog minn daru f' xi hinijiet , f' xi granet partikolari w donnu bla hinijiet u granet biex imur ikellem lill-avukati tieghu, purche' jinforma lill-Ispettur prosekutur. Hawn ghalhekk l-insufficjenza tal-prova dokumentarja fuq rilevata hija dirimenti w trid bil-fors twassal ghall-konkluzzjoni li ma saritx il-prova li trid il-ligi biex l-appellant jinstab hati tal-ksur fil-kaz tal-okkazzjonijiet li graw fix-xhur ta' qabel it-18 ta' Lulju, 2007. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant li jirrigwarda s-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti dwar dawn l-okkazzjonijiet precedenti qed jigi milqugh, mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-appellant fir-rikors tieghu imma ghar-raguni li ma saritx il-prova dokumentarja mehtiega fuq imsemmija.

Mhux l-istess pero' ghan-nuqqas minnu ammess li jirrigwarda l-ksur tat-18 ta' Lulju, 2007. Hawn l-appellant mhux qed jikkontesta l-htija *per se* imma biss il-piena w

partikolarment il-piena karcerarja li giet erogata mill-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Issa l-appellant qed jissottometti li hu hareg mid-dar dak il-hin biex imur Bahar ic-Caghaq halli jgib lura d-dar lil ibnu ta' seba' snin li kien mar gurnata vaganza ghand ohtu fil-caravans jew bungalows li hemm fejn l-Splash and Fun f' Bahar ic-Caghaq u dan ghax kien cempillu r-ragel t'ohtu w kien qallu li t-tifel kien qed jibki ghax ma riedx jorqod hemm u ried jitlaq. Kumbinazzjoni dak in-nhar il-mara tal-appellant, Cynthia Grech, ma kienetx tiflah ghax kellha gastric flu w telghetilha l-pressjoni. Kumbinazzjoni ohtu Bridget Calleja ukoll ma kienetx tiflah ghax dak in-nhar kienet telqet minn fuq ix-xoghol u qalghet darsa w, meta marret Bahar ic-Caghaq, hadet zewg pilloli w raqqduha w marret timtedd u qamet meta gew il-Pulizija w qabdu lill-appellant hemm. Kumbinazzjoni it-tifel t'ohtu kien xoghol u ma setax iwassal lill-ibnu lura hu. Kumbinazzjoni r-ragel ta' ohtu Brian Calleja kellu idejh zlugata w allura ma setax isuq lit-tifel lura hu - <u>itlaqha li umbaghad b' idejh zlugata b' kollox hu spicca wassal lit-tifel lura d-dar!!</u>

Allura l-appellant , rinfaccjat b' dawn is-serje ta' infortunji , fi kliemu , ppanika u biex ma jhallix lill-ibnu li gja hu trawmattizat bil-fatt li hu jinsab akkuzat b' reat serju w ajjizzat minn martu biex imur igib it-tifel, iddecieda li jaqbad il-car u jmur ghalih. Ma infurmax b' dan lill-ispettur prosekutur ghax hass li dak il-hin ghalxejn kien ser icempel id-Depot ghax ma kienx ser isibu hemm.

Skond l-appellant meta wasal hemm stenna lit-tifel jilbes zarbun u qmis u waqt li qed jistenna gew il-Pulizija u sabuh hemm u haduh maghhom.

Issa l-Pulizija li arrestawh xehdu li l-appellant ma kienx ghamel xi "flying visit" biss kemm jghabbi t-tifel u jitlaq lura lejn daru "post haste", imma addirittura huma osservawh ipacpac ghal xi ghaxar minuti, kwarta qabel ma intervjenew biex jarrestawh. Mhux verosimili li tifel jiehu kwarta biex jilbes sandli u qmis li suppost ikunu fuqu diga'

dak il-hin u anki jekk ma jkunux jistghu jintlibsu f' inqas minn minuta.

Illi anki kieku din il-Qorti kellha taccetta bhala pruvati l-iskuzi jew skuzanti kollha bazati fuq is-serje ta' ko-incidenzi w kumbinazzjonijiet fuq imsemmija, haga li mhux konvinta lanqas sal-grad tal-probabbli li ghandha taghmel, xorta wahda, fil-fehma ta' din il-Qorti - bhal dik tal-Ewwel Qorti - l-abbuz li johrog minn daru ma kienx gustifikat. La kien necessarju, la kien spint minn xi emergenza w lanqas kien inevitabbli.

L-appellant kien konxju li seta' jkun hemm konsegwenzi serjissimi jekk jinqabad barra minn daru hekk tard filghaxija kontra l-kondizzjonijiet imposti fuqu kif minnu stess ammess. Ma kellu qatt jirriskja li jitlef depozitu ta' LM10,000 u garanzija ta' LM20,000 , u dana ghas-semplici raguni ghax ibnu - li mhux xi tarbija - ma riedx jorqod ghand zijtu, fejn kien ilu gurnata shiha. Zgur li kien aktar prudenti li jordna taxi biex tmur ghalih w ggibu d-dar u, jekk hemm bzonn, twassal lil zijuh li jekk ried jeskortah fit-taxi, lura Bahar ic-Caghaq. Umbaghad wara kollox il-menomazzjoni li suppost kien qed isofri minnha ir-ragel t' ohtu Brian Calleja, ma jidhirx li kienet tinkapacitah milli jsuq ghax fil-fatt hu spicca saqu lura lit-tifel wara li l-appellant gie arrestat.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma soda li dawn l-iskuzi fil-komma jew trovaturi b' ebda mod ma jikkonvincuha li dak li ghamel l-appellant jista' jigi skuzat anzi hu ferm kundannabbli. Il-kondizzjonijiet imposti mill-Qrati ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament u b' mod strett u l-ksur taghhom ghandu dejjem ikun punit kif xieraq.

B' dana kollu, peress li f' dan l-istadju tal-appell, l-appellant qed jigi misjub hati - kif ammetta hu stess - tal-ksur li gara fit-18 ta' Lulju, 2007, biss u mhux ukoll tal-ksur allegat li sar fix-xhur ta' qabel din id-data, hemm lok ghall-temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha biss in kwantu sabet lill-appellant hati li fit-18 ta' Lulju, 2007, ghall-habta tal-11pm., kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istuttorja meta hu nghata l-helsien mill-arrest u tirrevokaha in kwantu sabitu hati ukoll li kiser l-istess kondizzjonijiet fix-xhur ta' qabel din id-data kif ukoll fejn ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' zmien xahar u ghall-multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u, minnflok, tilliberah minn din il-parti tal-akkuza w wara li rat l-artikolu 579(2) u wara li qieset il-gravita' tal-kaz , tikkundannah ghall-piena ta' wiehed u ghoxrin (21) jum prigunerija w ghall-multa ta' erba mitt lira Maltin (LM400) li, jekk ma jithallsux fi zmien gimgha mil-lum, jigu konvertiti f' terminu iehor ta' tmenin (80) jum prigunerija, skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------